# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 38**

**Rikors numru 417/18/2 FDP**

**Hashim Kuduzovic**

**v.**

**Fatima Zahra Zeroual**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni mressqa mill-attur appellant Hashim Kuduzovic (minn issa 'l hemm imsejjaħ "ir-ritrattand") sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell tiegħu fil-kawża fl-ismijiet premessi, li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2022, u dan wara li dik l-istess sentenza titħassar għar-raġuni mniżżla fl-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. B’rikors tat-2 ta’ Diċembru, 2022, ir-ritrattand fisser li bl-imsemmija sentenza attakkata din il-Qorti ċaħditlu appell minn sentenza li ngħatat mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta’ Jannar, 2022, u li fiha ntlaqgħu l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrka Fatima Zahra Zeroual (minn issa ’l hemm imsejħa “r-ritrattata”), bil-konsegwenza li sentenza mogħtija mit-*‘Trial Court’* f’Rabat ġewwa l-Marokk (Kawża Nru. 176/1620/2016), datata 28 ta’ Novembru, 2016 u kkonfermata b’sentenza oħra tal-24 ta’ Mejju, 2017, setgħet tiġi eżegwita ġewwa Malta. Filwaqt li jfisser li wieħed mill-aggravji ewlenin li kien ressaq għall-istħarriġ ta’ din il-Qorti kien sewwasew, li s-sentenzi barranin mertu tal-kawża ma kinux finali u għalhekk m’għaddewx f’ġudikat, jgħid li għandu f’idejh ‘dokument deċiżiv’ skont l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li fi kliemu, jipprova kif il-proċeduri li r-ritrattata qiegħda tgħid li għaddew f’ġudikat, għadhom tabilħaqq pendenti. Hekk kif jgħid li dan id-dokument ġie f’idejh wara li l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha, ifakkar, li fil-mori tal-appell, u qabel ma ngħatat is-sentenza attakkata tas-26 ta’ Ottubru, 2022, din il-Qorti ċaħditlu għal darbtejn it-talba sabiex jippreżenta dak id-dokument fl-atti sabiex jitqies bħala prova b’sostenn tal-aggravju tiegħu. Jinsisti li għalkemm huwa għamel ‘kull sforz’ sabiex iġib dak id-dokument qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, huwa ‘kien fl-impossibbiltà legali’ li jagħmel hekk. F’dan ir-rigward, ifisser li fiż-żmien li ried jikseb id-dokument, id-dinja kienet mifnija mill-pandemija tal-COVID-19, b’tali mod

li sar 'tant iżjed diffiċli' għalih li jikseb dak id-dokument. Iżid li tul din il-pandemija, il-fruntieri tal-Marokk kienu għall-parti l-kbira taż-żmien magħluqa u għalhekk mhux biss kien diffiċli għalih sabiex jikseb dak id-dokument, iżda kien saħansitra 'impossibbli'. Filwaqt li jagħmel referenza għall-ġurisprudenza biex jisħaq kemm id-dokument li għandu f'idejh huwa wieħed 'deċisiv', jissottometti li bit-tagħrif li hemm f'dak id-dokument, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet tkun differenti minn dik mogħtija fis-sentenza ritrattata.  Fuq is-saħħa ta' hekk, ir-ritrattand qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> "*(i)  Tiddikjara li nstab dokument deċisiv wara s-sentenza mogħtija fi grad ta' appell ċioè s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 26 ta' Ottubru 2022 u għalhekk hemm lok għar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(ii) Tirrexxindi s-sentenza tas-26 t'Ottubru, 2022, imsemmija fl-ewwel talba;*
>
> *(iii) Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija fl-ewwel talba".*;

3. Flimkien mar-rikors għar-ritrattazzjoni, fl-istess jum tat-2 ta' Diċembru 2022, ir-ritrattand ressaq żewġ rikorsi oħra: fl-ewwel wieħed minnhom talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mertu tar-rikors ta' ritrattazzjoni; filwaqt li, fir-rikors l-ieħor, talab lil din il-Qorti sabiex fuq is-saħħa tal-Artikoli 145 u 150(1)(a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jitħalla jressaq kopja tad-dokumenti mir-Reġistru tal-Qrati ta' Rabat fil-Marokk, li qed jirreferi għalihom fir-rikors għar-ritrattazzjoni, u dan sabiex, fi kliemu, din il-Qorti 'tkun tista' verament tgħarbel ir-rikors għar-ritrattazzjoni';

4. Fatima Zahra Zeroual wieġbet għal dan kollu billi fi tliet tweġibiet ilkoll imressqa minnha fis-16 ta' Jannar, 2023, fissret għalfejn it-talbiet kollha tar-ritrattand mhumiex mistħoqqa, u talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħadhom kollha, u dan bl-ispejjeż kontrih;

5. B'digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar 2023, din il-Qorti, wara li semgħet x'kellhom xi jgħidu l-partijiet, laqgħet it-talba tal-appellant għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata, b'dan illi l-ispejjeż ta' dik il-proċedura, ġew riżervati għall-ġudizzju tal-lum;

6. Wara li ħadet qies ta' dan kollu, kif ukoll wara li semgħet dak kollu li kellhom x'jgħidu l-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-21 ta' Frar, 2023, din il-Qorti hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

7. Peress li l-azzjoni tal-lum hija waħda ta' ritrattazzjoni, ikun xieraq li jibda biex jingħad li, fil-prinċipju, ir-rimedju tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża huwa wieħed ta' natura straordinarja li għandu jiġi wżat b'kawtela kbira għaliex jitbiegħed mill-prinċipju ġenerali li l-ġudikat jorbot lill-partijiet[1]. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa li sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Alexander Gray Bannerman et. v. John Camilleri et.*** deċiża fil-**31 ta' Mejju, 2019** (Ċit. 1624/1992).

m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, għaliex li kieku kellu jsir hekk, il-ġudikat jitlef is-saħħa u ċ-ċertezza li tagħtih il-liġi bil-konsegwenza li "*l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tisfa' prattikament stultifikata u x-xogħol tal-Qorti jisfa' bħax-xogħol ta' dak li jkun qiegħed jagħżaq fl-ilma*"[2]. Huwa għalhekk mifhum, li r-rimedju tar-ritrattazzjoni jista' jingħata biss f'dawk il-każijiet li huma speċifikatament imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta[3], li fihom infushom għandhom imbagħad jiġu mfissra: "*b'mod dejjaq kemm jista' jkun, mingħajr ebda forma ta' tiġbid jew analoġija*"[4];

8. Għandu wkoll jingħad li l-proċess tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet, b'dik tat-tieni tiddependi sewwasew mir-riżultat tal-ewwel fażi, b'dan illi, jekk tfalli l-ewwel fażi, il-Qorti tieqaf hemm. Fl-ewwel fażi l-Qorti tibda tfittex jekk huwiex minnu li hemm ir-raġuni msemmija mir-ritrattand, li skont il-liġi tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza ritrattata (*in rescindendo*). Jekk il-Qorti ssib li hemm raġuni bħal dik, il-Qorti mbagħad tgħaddi għat-tieni fażi li fiha jkun hemm is-smigħ mill-ġdid tal-kawża, u dan fl-istadju li tkun fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*)[5]. Tajjeb li wieħed iżomm ukoll f'moħħu li, fl-istadju ta' *in rescindendo*, din il-Qorti ma tgħarbilx mill-ġdid dwar jekk hi

---

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Marianna sive Manon Calleja et. v. Kummissarju tal-Artijiet***, deċiża fil-**25 ta' Jannar, 2023** (Rik. Nru. 13/2016/3).
[3] Ara l-Artikolu 813 tal-Kap. 12.
[4] Ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Mallia v. Alfred Mallia,*** deċiża fid-**29 ta' Marzu, 2023** (Rik. Nru 442/2017/2).
[5] Ara f'dan is-sens, is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela sive Carrie Micallef v. Alfred Mangion,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**23 ta' Ġunju, 2006** (App. Ċiv. 286/1993/2).

taqbilx jew le mal-mod ta' kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata[6]. Dan hu sewwasew għaliex fis-sistema proċedurali tagħna, ma jeżistix appell minn appell[7];

9. Bi tħaddim ta' dan kollu għall-każ tal-lum, il-Qorti trid għalhekk titlaq billi qabel xejn tistħarreġ jekk tirriżultax iċ-ċirkustanza msemmija f'paragrafu (k) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuq is-saħħa tiegħu r-ritrattand qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza attakkata;

10. Kif jidher minn paragrafu (k) tal-imsemmi Artikolu 811, li testwalment jaqra: "***jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza***", il-leġiżlatur ħaseb għal bosta kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu sodisfatti sabiex sentenza tkun tista' titħassar fuq din il-kawżali;

11. L-ewwel kundizzjoni, li tirriżulta mill-ewwel tliet kelmiet tal-paragrafu (k), hija li d-dokument li fuq is-saħħa tiegħu tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni jrid ikun ġie f'idejn ir-ritrattand "*wara s-sentenza*" li tagħha jkun qed jintalab it-tħassir. It-tieni kundizzjoni, hija mbagħad li dak id-dokument, ma jkunx kwalunkwe dokument, iżda jkun wieħed "*deċisiv*", u

---

[6] Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et.*** mogħtija fil-**25 ta' Frar, 2022** (Rik Nru 1164/2019CFS).
[7] Ara fost ħafna oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet ta' ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana***, deċiża fil-**15 ta' Frar, 2022** (Rik. Nru.1061/2009/3).

jiġifieri dokument li s-saħħa tiegħu bħala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwistjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet[8]. It-tielet kundizzjoni li jeħtieġ ukoll li tiġi sodisfatta hija mbagħad li dak id-dokument deċisiv, li jkun inġieb wara s-sentenza attakkata, irid ikun tali li r-ritrattand ma kienx jaf bih qabel ma ngħatat dik is-sentenza, jew inkella kien f'impossibbiltà li seta' jġibu bil-mezzi kollha disponibbli għalih, u dan qabel ma ngħatat is-sentenza impunjata[9]. Ta' min jgħid li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin, b'dan illi jekk tfalli waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tordna t-tħassir ta' sentenza fuq il-kawżali tal-Artikolu 811(k);

12. Kif ammetta r-ritrattand stess fir-rikors għar-ritrattazzjoni, u kif mistqarr bl-aktar mod inekwivoku fir-rikors li fih qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah li jressaq id-dokumenti li qed jgħid li huma 'deċisivi', jirriżulta fiċ-ċar li d-dokumenti li fuq is-saħħa tagħhom ir-ritrattand qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2022, huma sewwasew "***l-istess dokumenti illi huwa kien talab illi jippreżenta fl-istadju tal-appell***"[10]. Fuq l-istess nota, ir-ritrattand iżid li huwa "*rnexxielu jottjeni dawn id-dokumenti wara li kienet ingħatat is-sentenza mill-Ewwel*

[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza msemmija f'nota 5 *supra*.
[9] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Tal-Franċiż Construction Limited et. v. Anġelo Żarb,*** deċiża fis-**7 ta' Lulju, 2010** (App. Ċiv. 19/2004/3PS).
[10] Fol. 361.

*Onorabbli Qorti* ***iżda qabel ma ġie deċiż l-appell minn din l-Onorabbli Qorti***"[11];

13. Meħud dan kollu fil-qafas ta' dak li għadu kif intqal aktar qabel, il-Qorti jidhrilha li, f'dan il-każ, it-talba tar-ritrattand għat-tħassir tas-sentenza attakkata u s-smigħ mill-ġdid tal-appell hija manifestament fiergħa;

14. Ġaladarba li, fi kliem ir-ritrattand innifsu, id-dokumenti li dwarhom qiegħed issejjes dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni huma l-istess dokumenti li pprova jressaq, għal darba, darbtejn, quddiem din il-Qorti, u dan qabel ma ngħatat is-sentenza attakkata tas-26 ta' Ottubru, 2022, allura r-ritrattand mank biss irnexxielu jitla' fl-ewwel skaluna u jissodisfa l-aktar kundizzjoni bażika sabiex tkun tista' tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza fuq il-bażi tal-paragrafu (k) tal-Artikolu 811, jiġifieri li d-dokument ġie f'idejh wara s-sentenza li tagħha qed jintalab it-tħassir. Huwa għalhekk kollu ta' xejn li r-ritrattand qiegħed jisħaq li huwa ma setax iġib dak id-dokument qabel is-sentenza tal-Ewwel Qorti, għaliex is-sentenza li qed tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri mhijiex sewwasew is-sentenza tal-Ewwel Qorti, iżda s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2022. Kemm hu hekk, fit-talbiet finali tar-rikors tar-ritrattazzjoni, ir-ritrattand innifsu testwalment talab biex din il-Qorti jogħġobha

[11] Fol. 362.

"***tiddikjara li nstab dokument deċisiv <u>wara s-sentenza mogħtija fi grad ta' appell</u> ċioè s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 26 ta' Ottubru 2022*** *u għalhekk hemm lok għar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*"[12] u "***tirrexxindi s-sentenza tal-26 t'Ottubru 2022 imsemmija fl-ewwel talba***"[13];

15. Marbut sfiq ma' dan, huwa daqstant ieħor ta' xejn li r-ritrattand qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah iressaq dawk id-dokumenti, u dan bil-għan li din il-Qorti "*tkun tista' verament tgħarbel ir-rikors għar-ritrattazzjoni*" tiegħu. F'dan il-każ, l-għarbiel ma fihx ramel, għaliex ġaladarba li fi kliem ir-ritrattand innifsu d-dokumenti li qed jitlob li jressaq huma l-istess dokumenti li huwa talab li jressaq qabel ma ngħatat is-sentenza li tagħha qed jitlob it-tħassir, allura jsegwi li, rrispettivament mill-kontenut ta' dawk id-dokumenti, din il-Qorti ma tista' qatt tordna t-tħassir tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2022, fuq is-saħħa tal-paragrafu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex jiġu miċħuda r-rikorsi tar-ritrattand, għall-għanijiet ta' kompletezza, il-Qorti żżid li r-ritrattand ma jistax lanqas jippretendi li, b'xi mod jew ieħor, jista' juża dawn il-proċeduri biex 'jappella' miż-żewġ digrieti, li ngħataw minn din il-Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza attakkata, u li bihom ma ntlaqgħetx it-talba tiegħu

[12] Fol. 358.
[13] Fol. 359.

sabiex jitħalla jressaq l-istess dokumenti fuq is-saħħa tal-Artikoli 145 u 150(1)(a) u (b) tal-Kap. 12. Kif jidher mid-digrieti tas-17 ta' Ottubru, 2022,[14] u tal-24 ta' Ottubru, 2022,[15] din il-Qorti diġà għamlitha ċara biżżejjed li ma taqbilx mar-ritrattand meta qed jgħid li huwa ma kienx f'qagħda jressaq quddiem l-Ewwel Qorti d-dokumenti li kien talab li jressaq fl-istadju ta' appell, u li issa fuq is-saħħa tagħhom qed issejjes it-talba għar-ritrattazzjoni. F'kuntest bħal dan, huwa għalhekk ukoll kollu ta' xejn li r-ritrattand qiegħed ikompli jisħaq li kien 'impossibbli' għalih li jressaq dawk id-dokumenti quddiem l-Ewwel Qorti, meta din il-Qorti diġà dehrilha li ma kienx il-każ[16];

17. Għandu wkoll jingħad, li fl-ebda wieħed miż-żewġ rikorsi li r-ritrattand ressaq quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Settembru, 2022,[17] u fil-21 ta' Ottubru, 2022,[18] rispettivament, ma semma r-raġunijiet li qed isemmi issa quddiem din il-Qorti, u sewwasew dawk marbuta mal-kwistjoni tal-għeluq tal-fruntieri tal-pajjiż tal-Marokk minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li din il-Qorti ssibha ferm stramba kif ir-ritrattand ma semma xejn minn dan meta ġie biex iressaq dawk ir-rikorsi quddiem din il-Qorti, f'kull każ, ir-ritrattand kien messu semma r-raġunijiet li qed iressaq illum fir-rikors tiegħu tat-13 ta' Settembru, 2022. Jekk xi ħadd naqas, kien għalhekk ir-ritrattand innifsu u mhux din il-Qorti;

---

[14] Fol. 341.
[15] Fol. 345.
[16] Fid-digriet tas-17 ta' Ottubru 2022, din il-Qorti fissret li *"...dan mhux stadju fejn jiġu ppreżentati dokumenti li setgħu ġew ppreżentati fi stadju bikri tal-kawża".* (fol. 341).
[17] Fol. 338.
[18] Fol 343.

**Decide:**

18. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** kemm it-talba tar-ritrattand Hashim Kuduzovic sabiex jitħalla jressaq id-dokumenti mir-Reġistru tal-Qrati ta' Rabat ġewwa l-Marokk u dan skont l-Artikolu 145 u 150(1)(a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll it-talbiet kollha li tressqu minnu fir-rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kollha kontrih, magħduda dawk marbuta mad-digriet ta' din il-Qorti dwar it-talba tiegħu[19] għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata f'dawn il-proċeduri; u

Ladarba tqis li t-talba għar-ritrattazzjoni hi waħda fiergħa, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lir-ritrattand sabiex iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
rm

[19] Rik. 562/2022/1.